**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ryan Vella]**

**Vs**

**Christopher Gatt**

**Kumpilazzjoni Numru: 255/2022**

**Illum sitta (6) ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Christopher Gatt** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 177572M akkuzat talli nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2020 ghall-habta tas-02:00hrs u fil-hinijiet ta' qabel

fl-inhawi ta' "Pit Stop Petrol Station" fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar:

1. **Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Louise Chircop Ohanebo f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema hsara hija ta' natura gravi hekk kif iccertikat minn Dr. Ivan Micallef, detentur tan-numru tar-registru mediku 2322 mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tikkonsidra lil Christopher Gatt bhala recediv b'sentenzi tal-Qrati Maltin u/jew Qrati barranin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lil Christopher Gatt sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Louise Chircop Ohanebo ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Gunju tas-sena 2023 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioè:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

## IKKUNSIDRAT

Xehed l-**Ispettur Ryan Vella** li pprezenta certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, certifikat mediku, stqarrija kif ukoll filmat minn *DVD*. Jghid li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2020 gie infurmat minn WPS 148 Denise Camilleri (illum PS 148) li fil-lejl ta' bejn is-sittax (16) ta' Novembru 2020 u s-sbatax (17) ta' Novembru 2020 dahal rapport ta' offiza fuq il-persuna fl-inhawi ta' PitStop Petrol Station gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar. Jghid ukoll li s-Surgent qaltlu li fis-saghtejn u kwart ta' filghodu l-Ghassa tal-Mosta giet infurmata minn PC 218 tal-Ghassa tal-Qawra li kien ircieva telefonata minghand persuna maskili li infurmahom li quddiem il-Kiabi ta' Burmarrad kien hemm ragel mimli demm u mitluf minn sensih.

Ikompli jghid li l-Pulizija tal-Ghassa tal-Mosta marru fuq il-post fejn intlemah ragel li ghamel sinjal lill-Pulizija sabiex jieqfu u fil-fatt kien hemm mara mimlija demm. Ikompli jixhed li din il-mara kienet certu Louise Chircop (ID 568975M) u meta giet mitkellma hi stqarret li dahlet tnaddaf il-karozza meta kien hemm l-imputat

Christopher Gatt bilqieghda jghajjarha. Jghid li qaltlu li huma bdew jilletikaw meta hin minnhom l-imputat qabad siggu u waddbu ghal ras il-parte civile. Ikompli jghid li hi harget ghan-nofs tat-triq sabiex xi hadd jieqaf u jcempel ghall-pulizija u fil-fatt inzerta xi hadd waqaf jghinha. Izid jghid li l-parte civile giet immedikata fuq il-post. Jghid ukoll li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena 2020 gie pprezentat rapport mediku u anke gie mghoddi filmat ta' CCTV minn gewwa l-PitStop Petrol Station.

Jixhed li minn tali filmat gie nnotat li l-allegata vittma waslet fuq il-post fis-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu u li xhin l-istess vittma harget mill-vettura tidher li kellha argument mal-imputat. Jghid ukoll li l-imputat deher bilqieghda ma' mejda f'dan il-post. Izid jghid li l-imputat jidher li qieghed iwaddab bott birra lejn il-parte civile li ma laqatx lill-istess parte civile, izda li ftit wara waddab siggu u laqatha f'wiccha. Jghid ukoll li fit—tlettax (13) ta' Marzu tas-sena 2022 l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn ghazel li ma jwegibx ghad-domandi maghmulin lilu u dan wara li ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu.

Ipprezenta wkoll dokument li jikkonferma sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti ta' Limberg, Olanda immarkat bhala Dok. RV7.

Il-Qorti rat li l-parte civile **Louise Chircop Ohanebo** ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri stante li ma xtaqitx tinkrimina lilha nnifisha.

Xehdet **PS 2148 Denise Camilleri** li tghid li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2020 fis-saghtejn u kwart ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-Mosta gew infurmati mill-Ghassa tal-Qawra li kien hemm telefonata minn persuna maskili li qaltilhom li quddiem il-Kiabi ta' Burmarrad kien hemm ragel mimli demm u mitluf minn sensih. Tghid li hi flimkien mal-kollegi taghha marru fuq il-post fejn raw ragel li beda jaghmel sinjali sabiex jindika fejn sehh l-allegat reat u dak il-hin fil-fatt harget mara mimlija demm. Tghid li fuq mejda ftit lil hinn minn dan kollu kien hemm tliet persuni. Izzid tghid li l-mara giet mitkella u rrizultalha li din kienet il-parte civile Louise Chircop li stqarret maghha li hi marret tnaddaf il-karozza meta ragel qabad jghajjarha.

Tixhed li l-parte civile kompliet tistqarr maghha li dak il-hin bdiet tghajjru lura u sahansitra ghedditu li ha tnizzel il-kelb ghalih. Tghid li dak il-hin ir-ragel waddab siggu u laqat il-karozza bin-numru ANG-096. Izzid tghid li l-parte civile nizlet mill-karozza u dak il-hin dan ir-ragel waddbilha siggu ghal rasha u qalilha li hu huwa s-sid tal-garaxx u li seta' jaghmel li jrid. Tghid ukoll li l-parte civile harget f'nofs it-triq biex tipprova tissenjala ghal ghajnuna meta ftit wara ntilfet minn sensiha u waqghet mal-art. Tghid li fil-fatt kien waqaf jghinha terza persuna li kien qieghed isuq mill-Mosta lejn San Pawl il-Bahar sabiex imur jistad.

Tkompli tixhed li l-imputat gie mitkellem u dan wara li nghata d-drittijiet tieghu. Tikkonferma li l-imputat ghazel li jkellem lill-avukat tieghu u cioè Dr Albert Zerafa u fil-fatt ghazel ukoll sabiex ma jwegibx ghal maggor parti tad-domandi. Tghid li anke gie mitkellem xhud li kien prezenti fuq il-post u cioè Ivan Radojic li qal li l-parte civile giet issaqsi jekk hemm xi mkien fejn setghet tixtri u hu qalilha li setghet tfittex xi mkien iehor. Tghid li qalilha wkoll li l-parte civile regghet giet din id-darba b'kelb gol-karozza u kienet qieghda tghajjat mieghu u theddu li ser iggieghel il-kelb ihebb ghalih meta mbaghad zelqet mal-art. Izzid tghid li gie mitkellem ukoll Brujuc Branko li kkonferma dak li qal Ivan Radojic

bid-differenza li l-parte civile riedet tixtri l-alkohol kif ukoll li hu ma jafx kif spiccat bid-demm ma' wiccha.

Tghid li wara li gie estratt il-filmat fejn sehh l-allegat reat setghet tikkonferma li l-allegata vittma waslet gol-PitStop Petrol Station fis-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu fejn innotat li kien sehh argument bejn l-imputat u l-parte civile. Tghid ukoll li l-imputat jidher iwaddab bott birra lejn il-parte civile u li ftit wara l-istess imputat waddab siggu u li l-ebda minnhom ma laqtu lill-parte civile. Tghid li l-imputat jidher iwaddab siggu iehor lejn l-allegata vittma u li din id-darba l-vittma nltaqtet f'wiccha. Tixhed ukoll li l-parte civile kienet fi stat ta' sokor minkejja li ma ttehditx test bil-breathalyser.

Xehed **PC 1029 Mark Grech** li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2022 kien stazzjonat fl-Ghassa tal-Mosta meta rcieva telefonata fis-saghtejn u kwart ta' filghodu li kien hemm persuna mitlufa minn sensiha u mimlija demm. Jghid li hu flimkien mas-Surgent 2148 u PC 1376 marru fuq il-post. Ikompli jghid li huma u sejrin lejn il-Kiabi nzertaw karozza b'persuna go fiha taghmel sinjal sabiex jieqfu u ghalhekk dahlu gewwa l-PitStop Petrol Station. Jghid li meta waqfu hemmhekk harget wahda mara li wkoll

bdiet taghmel sinjal biex jieqfu. Tali mara fil-fatt kellha d-demm ma' mnehirha. Jghid li din il-mara spjegat li kien hemm argument u li l-imputat waddbilha siggu ghal rasha. Jispjega li meta acceda fuq il-post l-imputat kien bilqieghda ma' zewg (2) persuni ohra. Jikkonferma li l-PitStop Petrol Station tinsab gewwa l-lokalità ta' Burmarrad.

Xehed **PC 1376 Angelo Camilleri** li jghid li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2020 kien xoghol gewwa l-Ghassa tal-Mosta meta ghas-saghtejn u kwart ta' filghodu rcieva telefonata mill-Ghassa tal-Qawra b'informazzjoni li kien hemm persuna bid-demm quddiem il-Kiabi tal-Burmarrad. Jghid li hu flimkien ma' PC 1209 u WPS 148 waslu fuq il-post meta sabu r-ragel li kien informa lill-Ghassa bl-incident kif ukoll persuna ohra bid-dmija ma' wiccha. Izid jghid li kien hemm tliet (3) persuni bilqieghda ma' mejda fuq il-post. Jixhed ukoll li l-lokalità kienet Burmarrad.

Xehed it-tabib **Dr Ivan Micallef** li jghid li jahdem fil-Mosta Health Centre. Jghid li fis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena 2020 fit-tlieta u hamsa ta' filghodu kien ezamina lill-parte civile Louise Chircop. Jghid li hi allegat li giet milquta b'siggu tal-hadid li laqtitha f'wiccha. Jikkonferma li wara li ezaminat lill-parte civile

kkonkluda li kellha qasma fuq in-naha tax-xellug ta' mohhha. Tali qasma kellha tul ta' bejn tnejn (2) u tliet (3) centimetri. Izid jghid li tali qasma ma kinitx fonda u li kellu jaghlaqha b'punti tal-karti. Jixhed li huwa difficli biex jikkonkludi jekk tali qasma kienx rizultat ta' siggu tal-hadid. Jghid li l-ferita kklassifikaha bhala wahda ta' natura gravi stante li kienet fuq mohh il-parte civile, ghax kellha bzonn il-punti kif ukoll minhabba possibilità ta' sfregju. Izid jghid li wara dakinhar hu ma regax invistaha u li ma jiftakarx jekk il-parte civile kellhiex riha ta' xorb fuqha.

Xehed **Joseph Buttigieg** li jghid li dakinhar tal-allegat reat hu kien niezel ghall-hut bil-karozza tieghu meta harget mara f'nofs it-triq gewwa Burmarrad. Jghid li tali mara waqfet quddiem il-karozza tieghu u ghalhekk nizel sabiex jassistiha stante li kienet mimlija bid-demm. Jghid li peress li kien zmien ix-xitwa u taha l-qmis tieghu u cempel l-ambulanza. Izid jghid li din il-mara bdiet tghid li kellha xi tghid ma' wiehed ragel meta dan tefghalha siggu. Jghid li dan kollu gara bejn is-sitta u nofs u s-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija. Jghid li eventwalment kien ha din il-mara gewwa l-Polyclinic tal-Mosta. Jghid ukoll li ma jafx x'jisimha l-vittma ta' dan l-allegat reat u lanqas ma jaf min kien wettaq l-allegat reat. Izid

jghid li l-vittma ma kinitx fis-sakra u li dakinhar kien hemm erba' min-nies bejn l-imwejjed meta waqaf sabiex jghin lill-vittma.

Xehed **Branco Bruic** li jghid li kien qieghed bilqieghda mal-akkuzat li kien qieghed jaghlaq ir-restorant tieghu. Ikompli jghid li ftit wara giet mara bil-karozza taghha tghajjat u tirrabja maghhom bil-lingwa Maltija. Jghid li hadd minnhom ma kien jafha u ma kienx cert jekk kinitx taht l-influwenza tad-droga jew tal-alkohol. Izid jghid li kienu hu, l-imputat u certu Ivan. Jghid li ma jafx kif gara l-incident izda jaf li l-mara kellha xi tip ta' girfa ma' wiccha. Jixhed li ma jafx kif din il-girfa giet filwaqt li jikkonferma li xi hadd cempel il-Pulizija ghal fatt li din il-mara waqghat mal-art.

Xehed **John Sacco** li fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 2022 gie nominat minn din il-Qorti sabiex janalizza filmat esebit in atti u mmarkat bhala Dok. RV5. Jghid li minn dan il-filmat hareg tnejn u sittin (62) ritratti liema ritratti qeghdin annessi mar-relazzjoni pprezentata minnu a fol. 80 tal-atti processwali.

Xehed **Dr Mario Scerri** li jghid li kien gie nkarigat minn din il-Qorti sabiex jezamina lill-parte civile Louise Chircop u jirrelata dwar griehi li allegatament gew ikkagunati mill-imputat. Jixhed li hu

ezaminaha fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena 2022. Jghid li hi allegat li kienet fil-pompa tal-petrol ta' Burmarrad meta qalghat daqqa ta' siggu minghand is-sid tal-kafetterija ta' hemmhekk. Jghid li l-parte civile wrietu zewg (2) lezjonijiet. Wahda fuq in-naha tax-xellug tal-mohh li kienet tikkonsisti f'cikkatrici rizultat ta' lacerazzjoni (*blunt trauma*) li tidher "*from talking distance*".

Cikkatrici ohra nstabet taht il-qurriegha. Izid jghid dwar din it-tieni (2) cikkatrici li meta kien qieghed jinvista lill-parte civile u jabbozza r-rapport tal-istess, inzerta sab rapport iehor fuq Louise Chircop. Jixhed li minn dan it-tieni rapport irrizulta li din il-lacerazzjoni giet subita fis-sena 2017 meta l-istess Louise Chircop kienet fis-sakra u waqghet mill-gallarija taghha.

Xehed **Jamie Pace** li jikkonferma li d-dokument immarkat Dok. RV7 hija notifika li jircievi minn fuq is-sistema *Ecris* li biha jkun jista' jikkuntattja lill-Awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni Ewropea. Jikkonferma li tali dokument huwa fedina penali tal-imputat li rcieva mill-Olanda. Jghid li hemm elenkati reati kontra Propjetà Industrijali u Intellettwali kif ukoll reat fuq falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici jew amministrattivi. Jixhed li fuq dawn ir-reati

l-imputat kien wehel tmien (8) xhur habs. Jikkonferma li tali fedina penali tikkoncerna l-imputat stante li hu jkun ifittex bl-isem, bil-kunjom u bid-data tat-twelid.

Xehed **PC 487 Nicholas Grima** li jghid li invista tal-mandat t'akkumpanjament fil-konfront tax-xhud Ivan Rajdocic mahrug fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena 2023 minn din il-Qorti, huwa acceda fuq l-indirizz li ghandu mnizzel li huwa "Triton Mansions", Blk C., Flt. 1, Triq it-Tamal, San Pawl il-Bahar izda ma fetah hadd. Izid jghid li ma setghux jaqbdu lill-istess xhud telefonikament. Jikkonferma li din l-informazzjoni giet konfermata dakinhar tas-seduta fis-sbatax (17) ta' April tas-sena 2023 fis-sebgha u tmien minuti ta' filghodu.

Xehed **Ivan Rajdocic** li jghid li dakinhar li sehh l-allegat reat hu kien bilqieghda fil-kafetterija tal-imputat gewwa Burmarrad meta giet mara li bdiet targumenta u tirrabja maghhom. Jghid li jaghraf lill-imputat.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati*

*fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in*

*the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi fil-proceduri odjerni rrizulta li l-parte civile naqset milli tixhed dwar l-allegat reat. Din il-Qorti jirrizultalha wkoll li l-unici xhieda li setghu raw xi haga kienu xejn inqas minn kredibbli stante l-fatt li konvenjentement filwaqt li kienu jafu lill-imputat personalment, naqsu milli jiftakru ezattament x'gara dakinhar tal-allegat reat.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*""Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex*

*disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w,*

*allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta)*

*jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tissottolinea l-fatt li l-maggor parti tax-xhieda moghtija mill-Prosekuzzjoni ser ikollha tigi skartata u dan stante l-fatt li parti sostanzjali minnha titqies bhala *detto del detto*. Bl-istess mod il-Qorti sejra tiskarta wkoll dak li ntqal mix-xhieda moghtija kemm minn Ivan Rajdocic kif ukoll minn Branco Bruic u dan ghal fatt li kif digà gie ritenut iktar 'il fuq il-Qorti ma tqishomx bhala xhieda kredibbli. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li z-zewg xhieda kienu selettivi hafna fix-xhieda

taghhom filwaqt li naqsu milli jsemmu dettalji li kienu rritennew lil Pulizija li accedew fuq il-post dakinhar tal-allegat reat.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-seduta datata hamsa (5) ta' Lulju tas-sena 2022 fejn gie prezentat filmat mehud minn CCTV ta' fejn sehh l-allegat reat. Referenza qieghda ssir ukoll ghar-rapport redatt mill-espert mahtur John Sacco fejn gie kkonfermat il-kontenut tal-filmat ipprezentat. Hawnhekk referenza qieghda ssir a fol. 80 et sequitur tal-atti processwali.

Illi referenza qieghda ssir ukoll ghar-rapport mediku redatt mit-Tabib Dr Ivan Micallef li tali rapport ikkonkluda li l-parte civile sofriet griehi ta' natura gravi[1]. Il-Qorti ssib konfort f'din il-konkluzjoni u dan stante r-rapport redatt mill-espert mahtur Dr Mario Scerri. Di fatti referenza qieghda ssir a fol. 150 tal-atti processwali fejn tali espert ikkonkluda hekk:

> *"Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-mohh (forehead), kienet cikkatrici rizultat ta' lacerazzjoni, rizultat ta' blunt trauma;*

[1] Fol 10 tal-atti processwali

*Illi din ic-cikkatrici tidher sewwa from within talking distance u tibqa' bhala marka permanenti."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 230(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid:

*"L-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli –*

*(c) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna"* . . .

Illi ghalkemm irrizulta mix-xhieda li hemm l-element ta' provokazzjoni li certament jaghmel impatt fuq il-piena, xorta wahda l-imputat ma kellux jaqa' ghal din il-provokazzjoni. Huwa kellu jigbed l-attenzjoni tal-pulizija kull darba li kien qieghed jigi mmolestat mill-parte civile u dan sabiex jigi evitat dan l-incident.

Illi fin-noti tieghu <u>l-Professur Mamo</u> jghid hekk rigward il-proporzjonalità fil-legittima difesa:

*"Under section 237, a homicide is justifiable if it is ordered or permitted by law or by a lawful authority or is imposed by actual necessity either in lawful self-defence or in the*

*lawful defence of another person. But so that the justification which excludes entirely any criminality in the act, may apply, it is necessary that the limits imposed by law or by the authority or by the necessity of the defence are not exceeded. If there is an excess beyond such limits, then complete justification cannot be claimed, but only an excuse: in other words, the act will constitute an offence and will be liable to punishment, though reduced, unless the excess is due to the person concerned being taken unawares, or to fear or fright."*

Illi ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-parte civile bdiet tghajjar lill-imputat kif ukoll theddu li tirrilaxxa l-kelb fuqu l-Qorti taqbel li kienu jezistu elementi ta' provokazzjoni u theddid. Izda din il-Qorti ma taqbilx li l-imputat kellu jirreagixxi biex igara siggu lejn il-parte civile u ghalhekk tabbraccja dak li l-Professur Mamo stabbilixxa fir-rigward tal-proporzjonalità u tali ragunament ser jigi rifless fil-piena.

Illi d-difiza ressqet l-argument li la l-parte civile naqset milli tixhed f'dawn il-proceduri allura l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat. Il-Qorti tirrimarka però li l-akkuza odjerna tirrelata ma' griehi ta'

natura gravi. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 221(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittiehed ebda procediment hlief bil-kwerela tal-parti offiza, minn barra minn meta l-offiza ssir fuq wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b)."*

Illi difiza ohra li giet imressqa hija l-fatt li la l-parte civile ghazlet li ma tixhidx allura hemm dubju kbir li sehh dak li qieghed jigi allegat. Hawnhekk il-Qorti ssib konfort f'dak li ntqal mix-xhud Joseph Buttigieg li kkonferma li fuq il-post kien hemm il-parte civile mimlija demm. Din ix-xhieda maghduda mar-rapporti medici esebiti in atti kif ukoll mal-filmat ipprezentat joffru serhan il-mohh lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-imputat fil-fatt wettaq dak li qieghed jigi allegat u li l-parte civile sfat vittma ta' dan.

Illi a rigward tal-griehi sofferti mill-parte civile jinghad illi certament dawn huma ta' natura gravi ghaliex kienu fil-wicc u li ghandhom jigu kkunsidrati bhala sfregjanti stante li skont ir-rizultanzi tal-espert forensiku Dr Mario Scerri dawn il-griehi huma vizibbli "*from within talking distance*". Ghalhekk il-Qorti sejra

tiskarta din id-difiza msemmija u tikkonkludi li l-kwerela tal-parti offiza ma hiex necessarji f'dan il-kaz stante li l-griehi huma ta' natura gravi.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Giet ipprezentata sentenza moghtija fil-Qorti ta' Limberg gewwa l-Olanda. Tali sentenza giet konfermata mix-xhud Jamie Pace fis-seduta datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena 2023. Referenza però qieghda ssir ghal dak imtenni mill-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor."*

Illi rrizulta li l-piena ta' din is-sentenza mill-Qorti ta' gewwa Limberg, Olanda kienet dik ta' tmien xhur habs u li tali piena nghatat fis-sena 2021. Ghalhekk stante l-fatt li l-allegat reat sehh xejn inqas minn sena wara l-ghotja ta' din il-piena l-Qorti tqis li dan l-aggravju gie ppruvat.

## Decide

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 214, 215, 216 (1)(b), 223, 227(d), 230(c), 382A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Christopher Gatt** hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lil **Christopher Gatt** bi kliem car r-responsabbilità tiegħu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta timponi fuq l-imputat ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte

civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta

In oltre', bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Christopher Gatt** ihallas l-ammont ta' elfejn u tliet mija u disgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€2,369.50c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**